MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 121/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponenti zzewweg lil C D fit-8 ta' Jannar 2000 fir-Registru Pubbliku u dan kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok. A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha

impossibli ghall-kontendenti illi jwettqu l-obbligi essenzjali tal-zwieg.

3. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi dan iz-zwieg huwa ukoll null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza.

5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19 (1)(a), (c) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (a), (c), u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li ma jirrizultawx l-addebiti msemmija fir-rikors attrici, fil-konfront tal-intimata eccipjenti.

2. Illi dato ma nono concesso li hemm lok li z-zwieg jista' jigi dikjarat null, dan zgur mhux minhabba tortijiet tal-intimata, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, izda semmai minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti li kwindi ghandu jbati l-ispejjez kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-8 ta' Jannar 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta tichad dak attribwit lilha mill-attur.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu bir-rit civili fit-8 ta' Jannar 2000, meta l-attur cittadin taljan li allura kellu 20 sena, u l-konvenuta, cittadina maltija li f' dak iz-zmien kellha 23 sena, kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena. Wara sena u nofs miz-zwieg civili l-partijiet izzewwgu bir-rit religjuz, u wara ftit xhur isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li qabel iz-zwieg il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena, izda ftit kienu johorgu flimkien, stante li l-attur, li jahdem bhala sajjied, kien jaghmel perijodu twal fuq il-bahar. Peress li l-attur mhuwiex cittadin malti huwa kellu biss permess limitat ta' soggjorn f' Malta, u eventwalment il-partijiet gew pressati mill-genituri tal-konvenuta sabiex huma jizzewwgu bir-rit civili bl-uniku skop li l-attur ikun jista' jaghmel zmien izjed f' Malta mal-konvenuta, allura l-gharusa tieghu.

Illi dan kien l-uniku skop li ghalih sar iz-zwieg bir-rit civili; u konsegwentement anke wara li zzewwgu fit-8 ta' Jannar 2000, il-partijiet ma ghexux bhala mizzewwgin izda

baqghu jirrisjedu fid-dar tal-genituri tal-konvenuta fi kmamar separati;  u dan peress li ma kienux ghadhom mizzewwgin bir-rit religjuz.

In propositu l-konvenuta tghid li hija ma kienitx hassitha mizzewwga, u kienu t-tnejn kemm huma that il-kmand tal-genituri taghhom li f' dan l-istadju kienu jinsistu li l-partijiet jibqghu jghixu ta' gharajjes sakemm jizzewwgu bir-rit civili. Hija tghid li wara z-zwieg civili "Xejn, ma kellniex relazzjoni, lanqas norqdu flimkien"   Fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid espressament li meta huma zzewwgu bir-rit civili hi ma kellhiex l-intenzjoni, f' dak l-istadju, minhabba l-genituri taghha li maghhom kienu ser joqghodu, li tghix bhala mizzewwga ma' l-attur, jekk mhux wara li jizzewwgu bil-knisja.

Illi sussegwentement f' Awissu 2001, rizultat ta' pressjoni kontinwa da parti tal-genituri tal-konvenuti, il-partijiet izzewwgu bil-knisja, izda ir-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma kienet soda, u fi fatti meta l-partijiet marru joqghodu ghar-rashom, il boghod mill-genituri tal-konvenuta, huma rrealizzaw li relazzjoni bejniethom ma kienitx tezisti, bir-rizultat li wara ftit xhur huma sseparaw.  Di fatti t-tnejn li huma bdew johorgu ghar rashom mal-hbieb taghhom.

Minn naha tieghu l-attur jilmenta li f' din ir-relazzjoni mal-konvenuta huwa kien dejjem sottomess ghall-volonta' tal-genituri taghha li skond hu kienu jindahlu f' kollox u, stante li kien jghix fid-dar taghhom, huwa ma kienx jaghmel resistenza, u kien jaccetta dak li kienu jghidhu huma. Huwa wkoll accetta li jizzewweg bir-rit civili u jghix separat minn ma' martu, u accetta s-sitwazzjoni li sakemm isir iz-zwieg religjuz huwa ma jikkonvivix mal-konvenuta bhala martu.  Di fatti kif fuq spjegat huwa kien accetta li l-partijiet jorqdu fi kmamar separati. Dan jinsab konfermat ukoll mill-konvenuta fix-xhieda taghha fejn tghid li "peress li meta konna ghand ommi u missieri dejjem ikkmandawna huma. Jekk iggilidna tigi l-mummy tindahal, u hekk."

Illi din il-Qorti fic-cirkostanzi tirravvisa fil-konfront tal-partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat. Mill-provi jirrizulta li l-partijiet, u jzjed u

jzjed il-konvenuta, meta zzewwgu bir-rit civili eskludew b' att posittiv tal-volonta' taghhom l-intenzjoni li jkkonvivu bhala mizzewwgin, u l-iskop uniku ta' dan iz-zwieg civili kien biss li jservi bhala passaport sabiex l-attur ikun jista' jghix f' Malta liberalment.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt in bazi ghall-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti taz-zewg partijiet li fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg civili, huma internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghhom eskludew obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg primarjament l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija ta' l-istess; inoltre jidher li kien hemm nuqqas ta' maturita' affettiva da parti tat-tnejn.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Jannar 2000. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------